MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2015

Avviz Numru. 214/2013

Anna Maria Degabriele (ID 128370M), Nadeah Degabriele (ID 358590M) u Ryan Degabriele (ID 576481M), fil-kwalita' taghhom ta' werrieta tad-defunt Paul Degabriele

vs

Roderick Agius, bhala editur tal-gurnal 'Il-Mument'

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors promotur ippresentat fit 23 ta' Lulju 2013 fejn ir-rikorrenti, filwaqt illi ghamlu referenza ghall-artikolu illi deher fil-gurnal Il-Mument fis 16 ta' Gunju 2013, talbu lill-Qorti issib lill-intimat hati talli immalafama l-unur w il-fama tad-defunt Paul Degabriele.**

**Rat l-artikolu ippubblikat fil-gazzetta Il-Mument tas-16 ta' Gunju 2013 intitolat "*Il-Qtil ta' Pawlu Degabriele - Mhux tpattija biss*".**

**Rat ir-risposta ippresentata fil 25 ta' Settembru 2013 fejn l-intimat laqa' ghal dak mitlub billi sahaq, preliminarjament, illi r-rikorrenti ma soffrew ebda danni u ghalhekk l-esponent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Fuq il-meritu, l-intimat sahaq illi l-artikolu jammonta ghall "fair comment" dwar fatti sostanzjalment korretti u fuq kwistjoni ta' interess pubbliku accettabbli f'socjeta demokratika bhalma hija dik Maltija.**

**Semghet ix-xhieda ta'** Ryan Degabriele**, iben id-defunt Paul Degabriele, moghtija fit 18 ta' Novembru 2013.**

**Semghet ix-xhieda ta'** Anna Maria Degabriele**, armla tad-defunt Paul Degabriele, moghtija fit 18 ta' Novembru 2013.**

**Rat illi fis 27 ta' Jannar 2014 ir-rikorrenti iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi.**

**Semghet ix-xhieda ta'** Roderick Agius**, moghtija fis 7 ta' Marzu 2014.**

**Semghet ix-xhieda ta' l-**Assistent Kummissarju Silvio Valletta**, kap tal-Criminal Investigations Department (CID) fi hdan il-korp tal-Pulizjia moghtija fid 9 ta' Gunju 2014 u dokumenti minnu esebiti.**

**Rat il-fedina penali ta' Paul Degabriele esebita mill-Assistent Kummissarju Silvio Valletta li kienet tinkludi hdax-il kaz kriminali differenti decizi fil-konfront ta' Paul Debattista fejn instab hati ghal diversi offizi li jvarjaw minn akkuzi ta' ksur tal-paci pubblika ghal serq minn hanut tad-deheb gewwa il-Belt Valletta.**

**Rat l-akkuzi ta' serq mahruga mill-Pulizija fil-konfront ta' Paul Degabriele izda illi qatt ma nqraw stante illi dakinhar illi gew ippresentati, l-istess Paul Degabriele kien inqatel bi tlett**

**tiri go rasu u tnejn go sidru waqt illi kien fil-karozza tieghu barra 'Sammy's Bar', f'Belt il-Hazna, Marsa.**

**Rat illi fl-10 ta' Novembru 2014, l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.**

**Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partjiet illi saret fit 22 ta' Jannar 2015, wara liema trattazzjoni il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.**

Ikkunsidrat

**Ir-rikorrenti huma l-eredi ta' Paul Degabriele maghruf ukoll bhala 'Is-Suldat' li, fil-31 ta' Mejju 2013, matul il-gurnata u fil-pubbliku, inqatel minn persuni mhux maghrufa fi triq pubblika b'hames tiri ta' pistola, tlieta go rasu u tnejn go qaddu, waqt illi huwa kien fil-karozza tieghu flimkien ma' habib tieghu u kien ipparkjat barra hanut ossija bar gewwa il-Marsa bl-isem ta' 'Sammy's Bar', illi jinstab gewwa Belt il-Hazna, Marsa.**

**Il-gurnal 'Il-Mument', fil-harga taghha tal-Hadd, 16 ta' Gunju 2013, ippubblikat storja fuq hames faccati, fejn semmiet il-qtil ta' Pawlu Degabriele illi kien sehh gimghatejn qabel, u ghaddiet biex taghmel rassenja dettaljata tad-diversi delitti li kienu saru fix-xhur ta' qabel li kellhom l-istess modalitajiet, liema delitti, f'pajjiz bhalma hija dik ta' Malta, huma rari hafna.**

**Fl-istorja ippubblikata meritu tal-kawza odjerna, il-gurnal jaghmel referenza ghal qtil minn nies mhux maghrufa ta' Joseph Grech, maghruf bhala 'il-Yo-Yo' illi sehh fit 12 ta' Dicembru 2012 fl-inhawi tat-Torri tal-Ghallis fit 3.00 ta' filghodu.**

**Issir ukoll referenza ghall-qtil minn nies mhux maghrufa, ta' Joseph Cutajar, maghruf bhala 'il-Lion', illi sehh fit 12 ta' Dicembru 2012 ukoll, ftit sieghat wara illi kien inqatel Joseph Grech, u li inqatel bl-istess modalitajiet li nqatel Pawlu Degabriele, u dana billi, waqt illi kien fil-karozza tieghu, inqatel b'erbgha mit-tlettax-il tir sparati lejh. Joseph Cutajar kien habib ta' Pawlu Degabriele.**

**Issir ukoll referenza ghall qtil ta' Kevin Gatt u Steve Zammit illi kien sehh fil 15 ta' Marzu 2012 gewwa garage f'Wied il-Ghajn u li ghalih Joseph Cutajar kien ser jittella guri akkuzat bil-qtil taghhom.**

**Issir ukoll referenza ghall qtil ta' Patricia Attard, illi kienet instabet mejta gewwa l-vann taghha go Ta Qali fl-14 ta' Frar 2004, u li ghalih Joseph Grech kien qieghed jistenna illi jittella guri akkuzat bil-qtil taghha.**

**Issir ukoll referenza ghall qtil ta' Raymond Agius, illi kien inqatel minn persuna mhux maghrufa u b' 'crash helmet' fid 9 ta' filghodu ta' l-24 ta' April 2008 waqt illi kien qieghed gewwa bar f'Birkirkara bl-isem ta' 'Butterfly Bar'.**

**Issir ukoll referenza ghall qtil ta' Josseph Baldacchino, illi kien inqatel minn persuna mhux maghrufa u b' 'crash helmet', bl-istess modalitajiet tal-qtil ta' Agius, fit 23 ta' Novembru 2010 gewwa il-Belt Valletta.**

**Issir ukoll referenza ghall qtil tal-koppja Joseph u Anna Briffa li nstabu mejta f'darhom gewwa Rahal l-Gdid, marbutin u b'halqhom maghluq bit-tape fit 12 ta' Dicembru 1990 u li ghalih Pawlu Degabriele kien investigat ripetutament.**

**Issir, finalment, ukoll referenza ghall qtil tal-Kuntistabbli Mark Farrugia illi kien inqatel fl-20 ta' Marzu 1999 fuq l-ghatba tad-dar tieghu u li ghalih, kollega tieghu Etienne Carter, kien instab hati tal-qtil.**

Ikkunsidrat

**Dwar il-mejjet Paul Degabriele, il-gurnal 'Il-Mument', li jiddeskrivi lill Degabriele bhala "kriminal perikoluz", jghid illi fit-2 ta' Ottubru 2012, jigifieri qabel ma inqatel Joseph Cutajar, kien sar attentat fuq hajjtu meta tqieghdet bomba b'madwar kilo splussiv qawwi taht il-karozza tieghu, liema attentat ma irnexxiex peress illi l-istess Degabriele intebah**

**bil-pakkett taht il-vettura tieghu u avza lill-Awtoritajiet kompetenti biex ghalhekk tnehhiet il-bomba li kien hemm.**

**L-artikolu jghid illi Paul Degabriele kien interrogat diversi drabi mill-Pulizjija in rigward il-qtil tal-konjugi Joseph u Anna Briffa izda l-indagini ma wasslu imkien.**

**Jghid ukoll l-artikolu illi Paul Degabriele, illi kien persuna midhla f'certi oqsma tal-kriminalita' u li kien interrogat diversi drabi mill-Pulzijia in konnessjoni ma' diversi delitti illi sehhew f'Malta, kien anke interrogat in rigward il-mewt ta' Joseph Grech i Joseph Cutajar illi t-tnejn li huma sehhew fl-istess gurnata, b'differenza ta' ftit sieghat minn xulxin.**

Ikkunsidrat

**Jirrizulta mhux ikkontestat mir-rikorrenti stess illi Paul Degabriele kien jingabar mill-Pulizija izda, f'kliem it-tifel tieghu Ryan, "*qatt ma sabu kazi kontra tieghu*". L-istess tifel jishaq illi, peress illi missieru qatt ma wehel gurnata habs, ghalhekk ma jistax jitqies bhala kriminal perikoluz. Fi kliem il-mara ta' Paul Degabriele, Anna Maria, huwa "*qatt ma qatel in-nies*" filwaqt illi tisqtarr illi, ghaliha, persuna ghandu jitqies bhala 'kriminal perikoluz' jekk ikun "*persuna li kull fejn ikun hemm hu jaqla l-inkwieta u l-glied u problemi ohra*". L-istess mara tghid illi hija kienet ilha tafu ghal disgha u ghoxirn sena, jigifieri mis-sena 1984, u huwa qatt ma kellu problemi mal-Qrati, salv darba, meta huwa wehel multa ta' erbgha mitt Euro.**

**Jirrizulta ukoll illi r-rikorrenti ghamlu l-kawza odjerna peress illi Ryan, li jahdem gewwa il-hanut Sphinx ibiegh il-pastizzi, jitkazaw in-nies bih dwar min hu missieru, filwaqt illi l-mara Anne Marie tghid illi tul id-disgha u ghorxin sena li ghamlet flimkien mieghu, kull ma kellu kienet problema darba wahda biss, li ma tiggustifikax illi jitqies bhala persuna 'perikoluza'.**

Ikkunsidrat

**Jirrizulta, skond ix-xhieda tal-Kap tad-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali (CID), l-Assistent Kummissarju Silvio Valletta, illi Paul Debattista kien invetsigat fuq diversi delitti ta' "gravita' konsiderevoli" u l-istess Debattista kien meqjus bhala "a person of interest" f'diversi investigazzjonjiet serji li dwarhom, madanakollu, l-Pulizjia ma setghetx tizvela aktar dettalji peress illi ghadhom mhux solvuti peress illi l-qtil sar minn persuni ignoti.**

**Jirrizulta wkoll illi la darba l-Pulizija ma kellhiex provi bizzejjed fid-delitti illi dwarhom kien qed jigi investigat Paul Debattista, huma ma setghux jipprocedu biex iressqu l-persuni, madanakollu, gie kkonfermat illi l-istess Degabriele kien involut "f'hafna investigazzjonijiet ta' certa portata serja hafna" u kien qed jitressaq dwar akkuzi illi dwarhom il-Pulizjia kellhom provi sufficjenti.**

Ikkunsidrat

**Jirrizulta, mill-fedina penali prodotta mill-Pulizija, illi, a differenza ta' dak illi stqarrew ir-rikorrenti fix-xhieda taghhom, Paul Debattista kellu aktar minn kaz wiehed deciz kontra tieghu fil-Qorti, u jkun opportun illi xi uhud minnhom jigu hawn elenkati, sabiex il-fatti jigu hawn stabbiliti.**

- **f'Mejju 1983, huwa instab hati talli, meta kellu ftit anqas minn tmintax-il sena, kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied u ikkawza griehi hfief b'arma iebsa lill terza persuna.**

- **f'April 1984, huwa instab hati talli, fis-sena 1980, meta kellu hmistax-il sena, seraq numru ta' 'cassettes' mill-hanut Exotique, u ta' dan gie liberat bil-kundizzjoni illi ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn;**

- **f'Dicembru 1986, huwa nstab hati talli ftit xhur qabel, kien saq vettura bla licenzja u bla assikurazzjoni.**

- **f'Novembru 1988, wara illi ghadda guri, instab hati talli, fis-sena 1981, ikkommetta varji serqiet flimkien ma' ohrajn u inghata sentenza ta' probation taht supervizjoni ghal tlett snin.**

- **f'Ottubru 1994, instab hati talli, ftit xhur qabel, kiser il-paci pubblika.**

- **fi Frar 1995 instab hati talli ftit xhur qabel saq vettura bla licenza u bla assikurazzjoni**

- **f'Ottubru 2002 instab hati talli ftit xhur qabel kiser il-paci pubblika bl-ghajjat u bil-glied.**

- **f'Gunju 2006 instab hati talli ftit jiem qabel seraq flu u oggetti ohra mill-Ufficju tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, u inghata sentenza sospiza ta' sentejn sospizi ghal erbgha snin.**

- **f'Dicembru 2001, instab hati talli fis-sena 1982, meta kellu sbatax-il sena, seraq:**
    - **b'madwar sittax-il elf Liri Maltin f'oggetti minn hanut tad-deheb gewwa il-Belt,**
    - **b'madwar sebat elef Liri Maltin f'oggetti minn hanut tad-deheb gewwa tas-Sliema,**
    - **b'madwar hmistax-il elf Liri Maltin f'ogettti minn hanut tad-deheb f'Birkirkara,**
    - **b'madwar mija u ghoxrin lira fi flus kontanti minn gewwa ufficcju l-Belt,**
    - **b'madwar tlett elef Liri Maltin f'oggetti u flus minn gewwa hanut 'Self Service' f'tas-Sliema,**
    - **vettura Ford Anglia minn gewwa Santa Lucia,**
    - **vettura Mini Minor minn gewwa l-Gzira,**
    - **mutur ta' l-ghamla Yamaha minn Birkirkara**
    - **radio minn fuq vettura ta' l-ghamla Triumph,**
    - **hafna radios minn diversi vetturi fl-akkwati ta' tas-Sliema, San Gwann u Msida.**

**Jirrizulta illi dakinhar illi l-akkuzat inqatel bi tlett tiri f'rasu u tnejn go qaddu, ossija fil-31 ta' Mejju 2013, huwa kien ser jitressaq il-Qorti akkuzat talli, f'Jannar 2005, kien seraq refigerated van minn gewwa l-Marsa kif ukoll illi laqa' ghandu l-istess vann bl-oggetti ta' l-ikel tal-friza go fih.**

Ikkunsidrat

**Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi, b'fedina penali bhal dik, illi tirrisali minn meta l-Paul Degabriele kellu hmistax-il sena, flimkien mal-fatt illi kien maghruf mal-Pulizija u, kif stqarrew kemm il-Pulzijia kif ukoll r-rikorrenti stess, kien indagat ripetutament dwar diversi mid-delitti ossija omicidji illi ssemmew aktar il-fuq, huwa ftit inkredibbli u inverosimili kif ir-rikorrenti jistghu jikkunsidraw li jittentaw l-azzjoni odjerna fuq il-premess illi qed ihossuhom malafamati bilfatt illi Pawlu Degabriele gie deskritt bhala 'kriminal perikoluz'.**

**Il-Qorti ukoll ma tistax ma tosservax illi dak li stqarrew mart Pawlu Degabriele, ossija Anna Maria Degabriele kif ukoll Ryan Degabriele, it-tifel ta' l-istess Pawlu Degabriele, huma kemmxejn inverosimili jekk mhux gharrieqi fil-konfront ta' dina l-Qorti, peress illi huwa difficili li jabbina d-deskrizzjoni moghtija minnhom ta' Pawlu Degabriele mal-lista interminabbli ta' offizi u delitti illi huwa instab hati taghhom. Di piu, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi r-rikorrenti Anna Maria Degabriele stqarret li kemm kienet ilha tafu mis-sena 1984, ma kellux problemi fil-Qorti salv darba meta wehel multa, filwaqt illi jirrizulta li, mis-sena 1984 sa meta nqatel, Paul Degabriele kellu diversi proceduri mehudha kontra tieghu, inkluz guri.**

Ikkunsidrat

Kif stqarret il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Dr. Louis Galea vs Dr. Joe Mifsud** fit-23 ta' Marzu, 2009,

> *"f'kawzi bhal prezenti, u cioe f'kawza ta' libell, hemm bilanc li ghandu jinzamm bejn id-dritt f'socjeta' demokratika li wiehed jghid u jesprimi ruhu u jsemmi l-opinjoni tieghu bl-aktar mod liberu u bejn id-dritt ta' kull cittadin li jgawdi reputazzjoni u l-isem tajjeb tieghu u dan dejjem fl-isfond ta' socjeta demokratika."*

Madanakollu, il-Qorti tal-Appell, fl-istess kawza deciza fit-3 ta' Frar, 2012 sahqet illi

> *"gurnalizmu investigattiv ghandu jinghata ampja protezzjoni f'socjeta' demokratika, anke jekk certi allegazzjonijiet jigu michuda minn dak milqut, il-gurnalist dejjem jibqalghu d-dritt li jinvestiga u jistharreg fuq allegazzjoni anke jekk tibqa' allegazzjoni mhux pruvata kif trid il-Ligi.*

> *F'dak li jsir gurnalizmu investigattiv serju, anke meta jirrizulta zball genwin, jista' wkoll ikun tollerat."*

Fil-kaz odjern, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-artikolu illi dwarhom qed jilmentaw ir-rikorrenti huwa rizultat ta' stharrig metikoluz maghmul minn gurnalist fejn kien qed jirrappurta dwar sensiela ta' omicidji koroh illi kien sehhew f'Malta fix-xhur u jiem qabel ma gie ppubblikat l-artikolu u li ghezzew konsiderabbilment l-opinjoni pubblika lokali illi ma hijiex imdorrija tkun rinfaccjata bi qtil krudili u makabru bhalma kienu dawk illi rrapporta dwaru l-artikolist u li kollha baqghu mhux solvuti mill-Pulizjia, mhux minhabba f'nuqqas taghhom, izda minhabba fl-omerta illi tirrenja fic-cirku tal-kriminalita' illi fiha Pawlu Degabriele kien ben maghruf.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partjiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kawza billi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat u, ghalhekk

**Tichad** it-talbiet attrici kollha

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrenti in solidum bejniethom

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------